**14 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Salvu Borg**

**Liċenza tas-Sewqan — Sospensjoni — Sewqan Perikoluż — "Special Reasons" — "Third Party Risks" — Art. 23 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ħlief fil-każijiet ta' "recklessness" jew ta' "dangerous driving", jew ta sewqan fi stat ta' sokor jew taħt l-influwenza ta' drogi, jeħtieġ li jkun hemm it-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija biex il-Qorti tkun tista' tordna s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan. Għaldaqstant, fil-każ ta' sewqan perikoluż il-Qorti tista' tapplika dik is-sospensjoni mingħajr il-ħtieġa tal-talba tal-Prosekuzzjoni.*

*F'dawn il-każijiet ta' sospensjoni tal-liċenza ma hemmx id-dispożizzjoni li hemm fil-każ ta' vjolazzjonijiet tal-liġi speċjali tas-sigurtà tal-cars kontra r-riskji tat-terzi persuni fis-sens li, għalkemm l-iskwalifika preskritta mill-liġi hi għal sena, il-Qorti tista' però, għal "special reasons", tirriduċi dak it-terminu. U lanqas jidher li d-dispożizzjoni ġenerali tal-art. 23A. tal-Kodiċi Kriminali għandha tiġi applikata f'każijiet ta' sewqan perikoluż.*

*Hi biżżejjed allarmanti f'Malta, preżentement, l-istatistika tad-diagrazzji awtomobilistiċi bl-użu tagħhom ordinarju, mingħajr ma l-Qrati jżidu r-riskju billi jħarsu b'indulġenza lejn min jagħmel użu minn car b'mod perikoluż.*

B'sentenza tagħha tat-3 ta' Diċembru 1958, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet l-imputat ħati talli r-Rabat, fit-22 ta' Ottubru 1958, f'xi s-7.30 p.m., (1) ta qata' u beżża lil Giuseppe Deguara ta' ħmistax il-sena li kien riekeb il-bicycle, (2) talli saq il-karrozza tiegħu b'manjiera perikoluża, (3) u talli hedded lill-istess Deguara; u illiberatu mill-imputazzjoni ta' insulti; u kkundannatu għal 5s. ammenda għall-ewwel reat, għall-emenda (sic) ta' £5 u tliet xhur sospensjoni tal-liċenza għat-tieni reat, u 5s. ammenda għat-tielet reat;

L-imputat appella, u talab il-liberazzjoni tiegħu totali, u b'hekk ir-revoka tal-parti kundannatorja tas-sentenza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi deher, għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li dan it-tifel Deguara kien qiegħed jonsob fil-għalqa ta' zijuħ, u dan keċċieh. It- tifel irriżenta ruħu, u għajjar lill-zijuħ "muqran". Kien hemm viċin l-imputat, li hu mparentat maz-ziju tat-tifel, billi jiġi zijuh tar-rispett, u l-imputat staqsieh għaliex kien qiegħed jgħidlu hekk. "Per tutta risposta", it-tifel għajjar "muqran" lill-imputat, u telaq jiġri fuq ir-rota. L-imputat irriżenta dik il-kelma, u ġera warajh bil-car b'mod perikoluż, u għafsu mal-bankina (ara xhieda ta' Giuseppe Borg, Carmelo Zahra u Carmelo Azzopardi). L-imputat hedded lit-tifel tant verbalment billi qallu "nikkraxxjak", kemm in vija ta' minaċċja reali in kwantu li qagħad jistennieh barra l-ħanut ta' ċertu Giuseppe Borg, li fih it-tifel, imwerwer, kien qiegħed mistoħbi, bla ma ħadd seta' għal żmien iwarrab jew jippaċifika lill-imputat. F'dawn il-fatti hu ċar li jintegraw ruħhom ir-reati li tagħhom il-Qorti tal-Ewwel Istanza sabet lill-imputat ħati;

Fir-rikors tal-appell hemm rilevat li ma hemmx it-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija għas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan, u li għalhekk din *is-sospensjoni* ma setgħetx tiġi ordnata *mil-Qorti*;

Din il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Diċembru 1958, fil-kawża "Pulizija vs. Carmel Ellul", kellha okkażjoni tirrileva li, ħlief fil-każ ta' "recklessness" jew "dangerous driving", jew ta' sewqan fi stat ta' saqra jew taħt l-influwenza ta' *drogi*, jeħtieġ li jkun hemm it-talba tal-Prosekuzzjoni; issa, dan kien każ ta' sewqan perikoluż, u għalhekk, skond ma rriteniet dik is-sentenza, ma kienetx meħtieġa t-talba għas-sospensjoni mill-parti tal-Prosekuzzjoni jew tal-Pulizija;

Id-difiża talbet f'mod partikulari riduzzjoni tat-terminu tas-sospensjoni tal-*liċenza*;

Dan it-terminu kien il-minimum preskritt mill-liġi f'każ ta' sewqan perikoluż. F'dawn il-każijiet ta' sospensjoni tal-liċenza ma hemmx id-dispożizzjoni li hemm fil-każ ta' vjolazzjonijiet tal-liġi speċjali tas-sikurtà tal-cars kontra "third party risks", fis-sens li, għalkemm l-iskwalifika preskritta mil-liġi hi għal sena, il-Qorti tista', però, għal "special reasons", tirriduċi t-terminu. Lanqas jidher li d-dispożizzjoni ġenerali tal-art. 23A. tal-Kodiċi Kriminali għandha tiġi applikata għas-sospensjoni tal-liċenza f'dawn il-każijiet ta' sewqan perikoluż;

"In ogni caso", lanqas tant jirrakkomanda ruħu għall-applikazzjoni ta' dak l-artikolu l-każ preżenti; għaliex hu ndubbjament fatt gravi li car jiġi użat f'dan il-każ, li it-tifel seta' jiġi faċilment skjaċċjat u ferut, apparti li seta' ġie nvestit u ferut ħadd ieħor, għax ċertament l-imputat, fl-insegwiment spjetat tat-tifel, ma kellux ħsieb in-nies jew il-vetturi li seta' nkontra, imma kellu ħsieb wieħed biss, dak li jaqbad lil Deguara. Hu veru li Deguara offendieh b'dik il-kelma, imma l-imputat kien jaf minn kien it-tifel, u ma kellux bżonn isegwieh biex *jikxef min* kien li offendieh, u lanqas kellu bżonn *imur* jieħu *sodisfazzjon* b'idejh, imma seta' jieħu sodisfazzjon bil-mezzi li tagħtieh il-liġi, jekk

deherlu li jagħti każ tiegħu; u ċertament qatt ma kellu d-dritt li jagħmel ħaġa hekk perikoluża, li jiġri wara t-tifel bil-car għall-anqas żewġ kantunieri ħalli b'xi mod ipattilu talli kien qallu dik il-kelma. Hi biżżejjed allarmanti fil-preżent f'Malta l-istatistika tad-disgrazzji awtomobilistiċi bl-użu tagħhom ordinarju mingħajr ma l-Qrati jżidu r-riskju billi jħarsu b'indulġenza lejn min jagħmel użu ħażin minn car għal skop ta' rappreżalja;

Għalhekk ma hemmx lok għal ebda benefiċċju "laevioris poenae";

Del resto, il-piena pekunjarja setgħet kienet, wara l-emendi tal-Att XXVI tal-1956, sa £100 multa, mentri l-Ewwel Qorti verament applikat il-minimum tal-multa; għaliex, għalkemm b'inavvertenza evidenti fis-sentenza sejħitilha "ammenda", in realtà il-piena għandha tkun, b'liġi, dik tal-multa;

Għal dawn ir-raġunijiet, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Żmien għall-ħlas tal-multa għaxar tijiem mil-lum.